PARLAMENT EWROPEW *2009 - 2014*

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2013/0110(COD)**

11.12.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti kumpaniji u gruppi kbar
(COM(2013)0207 – C7-0103-2013 – 2013/0110(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sharon Bowles

# ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta leġiżlattiva mressqa mill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva dwar il-Kontabilità tal-2013 li ġiet ratifikata reċentement biex tingħata aktar saħħa lil-lingwaġġ eżistenti fid-dikjarazzjoni dwar il-governanza korporattiva rigward id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja, marbuta ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, mar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-tixħim u d-diversità.

Ir-Rapporteur tfaħħar lill-Kummissjoni talli qed tipprova ttejjeb it-trasparenza fl-informazzjoni pprovduta minn kumpaniji kbar fl-UE, minkejja li dan qed isir wara r-ratifika reċenti tad-Direttiva dwar il-Kontabilità, u tissuġġerixxi titjib addizzjonali fit-test tal-Kummissjoni.

**Rappurtar pajjiż b'pajjiż**

Fid-dawl tal-kummenti tal-Kummissarju Barnier[1] u tal-konklużjonijiet tal-Kunsill f'Mejju ta' din is-sena[2], din ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kontabilità 2013 għandha tinkludi wkoll rappurtar mandatorju pajjiż b'pajjiż (CBCR) għall-kumpaniji l-kbar kollha tal-UE sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs fost id-ditti u l-investituri Ewropej. Is-CBCR għandu wkoll jiġi definit sew, sabiex titnaqqas il-konfużjoni rigward it-tifsira tiegħu u kif għandu jintuża. L-informazzjoni pprovduta fih għandha tiġi awditjata, bħal fil-każ tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRDIV) għall-banek.

**Rekwiżiti ta' diliġenza dovuta**

Aktar trasparenza fl-informazzjoni li jikkompilaw il-kumpaniji fil-kontijiet annwali tagħhom twassal għal prattiki korporattivi u sostenibbiltà aqwa. Abbażi tar-rekwiżiti tal-Kummissjoni biex il-kumpaniji tal-UE jagħtu informazzjoni dwar il-kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati tagħhom, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, il-kumpaniji tal-UE għandu jkollhom fis-seħħ ukoll politiki robusti ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista f'kull wieħed minn dawn l-oqsma sabiex jimmitigaw ir-riskji mhux biss għall-kumpaniji stess iżda anke għall-Istat Membru jew il-pajjiż terz li l-kumpanija topera fih. Dan sar aktar relevanti fid-dawl ta' skandli reċenti fil-katina tal-provvista bħall-iskandlu tal-adulterazzjoni tal-laħam u t-tiġrif tal-bini f'Savar, il-Bangladexx – li t-tnejn ġraw din is-sena.

**Arranġamenti ta' ppjanar tat-taxxa**

L-ippjanar aggressiv tat-taxxa għandu effett detrimentali fuq is-suq intern kif ukoll fuq il-bażi tat-taxxa tal-Istat Membru.

Għalhekk ir-Rapporteur ippreżentat żewġ proposti sabiex tiġi mitigata l-proliferazzjoni ta' dawn l-istrutturi elaborati ta' ppjanar tat-taxxa. L-ewwel waħda hija li tinħtieġ aktar trasparenza għall-investituri, billi l-kumpaniji l-kbar tal-UE jintalbu jiddivulgaw l-

---

[1] Ara d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Barnier tat-12 ta' Ġunju 2013 hawnhekk: http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/barnier/headlines/speeches/2013/06/20130612_en.htm

[2] Ara hawnhekk: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/137197.pdf

arranġamenti tagħhom ta' ppjanar tat-taxxa u s-sustanza ġenerali ta' pariri dwar it-taxxa li jirċievu minn ditti ta' konsulenza u t-tieni waħda hija li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jimplimentaw Regoli Ġenerali Kontra l-Evitar (GAAR) b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tas-6 ta' Diċembru 2012[1].

**Kamp ta' applikazzjoni**

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta ġie ristrett sabiex il-kumpaniji kollha li għandhom karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew fatturat ta' mill-anqas EUR 40 miljun wara li jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tat-taxxa jkollhom jipprovdu l-informazzjoni mhux finanzjarja meħtieġa, irrispettivament minn kemm jimpjegaw nies. Ir-raġuni għal dan hija li xi kumpaniji jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-pajjiżi li joperaw fihom, anke jekk jimpjegaw għadd żgħir ta' nies meta mqabbel mad-daqs finanzjarju tagħhom, u għalhekk m'għandhomx ikunu eżentati.

**Oqfsa eżistenti**

Il-proposta tagħmel referenza għal oqfsa u linji gwida internazzjonali, Ewropej u nazzjonali li l-kumpaniji tal-UE jistgħu jużaw biex jikkomunikaw id-divulgazzjonijiet mhux finanzjarji tagħhom. Ir-Rapporteur tixtieq tara ċerti oqfsa użati mill-kumpaniji bħala sett ta' bażi ta' linji gwida.

Għandu xorta jkun hemm il-flessibbiltà għall-kumpaniji biex imorru oltre minn dak speċifikat fil-linji gwida rakkomandati iżda minkejja dan għandhom jintużaw, meta possibbli, bħala sett minimu ta' linji gwida.

**Ħtiġijiet ta' awditjar**

Ir-Rapporteur tfaħħar l-inklużjoni mill-Kummissjoni tal-politiki meħtieġa ta' rappurtar mhux finanzjarju bħala parti mir-rapport dwar il-ġestjoni.

Ir-rapport pajjiż b'pajjiż għandu jiġi awditjat sabiex titrawwem fiduċja akbar mill-investituri Ewropej iżda anke biex tkun żgurata konsistenza akbar mar-rekwiżiti CBCR għall-banek fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRDIV).

**Responsabbiltà speċjali tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji**

Billi din hija opinjoni tal-Kumitat ECON, huwa importanti li wieħed jirrikonoxxi l-fatt li s-sistema finanzjarja, u l-istituzzjonijiet li għandhom parti integrali fiha, għandhom effett uniku u li jinxtered fuq is-soċjetà inġenerali.

Għalhekk, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom id-dmir li jiżguraw li l-governanza u l-kodiċi tal-etika tagħhom jaqblu ma' din il-pożizzjoni u għandhom iħejju, u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, 'Rapport ta' Responsabbiltà Speċjali' li jinkludi informazzjoni dwar kif jirrikonoxxu r-responsabbiltà speċjali tagħhom fit-taħriġ tal-persunal, is-sistemi li jista' jkollhom għall-arbitraġġ regolatorju u l-mekkaniżmi ta' twissija tagħhom.

[5]Ara hawnhekk: http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/taxation/tax_fraud_evasion/c_2012_8806_mt.pdf

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| li temenda ***d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE*** fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ***ċertu kumpaniji*** u gruppi kbar | li temenda ***d-Direttiva 2013/34/UE*** fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni ***finanzjarja,*** mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ***ċerti impriżi*** u gruppi kbar |
| (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu 'l-Att dwar is-Suq Uniku Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja, "Flimkien għal tkabbir ġdid'",[9] adottata fit-13 ta' April 2011, il-Kummissjoni tidentifika l-bżonn li tittejjeb it-trasparenza tal-informazzjoni soċjali u ambjentali pprovduta minn ***kumpaniji*** fis-setturi kollha, sabiex jiġi żgurat ambjent ekwu. | (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu 'l-Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja, 'Flimkien għal tkabbir ġdid',[9] adottata fit-13 ta' April 2011, il-Kummissjoni tidentifika l-bżonn li tittejjeb it-trasparenza tal-informazzjoni soċjali u ambjentali pprovduta minn ***impriżi*** fis-setturi kollha, sabiex jiġi żgurat ambjent ekwu. |

| | |
|---|---|
| [9] COM(2011) 206 finali ***tas-13*** ta' April 2011. | [9] COM(2011) 206 finali ***tat-13*** ta' April 2011. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-ħtieġa li titjieb id-divulgazzjoni ***tal-kumpanija*** tal-informazzjoni ambjentali u soċjali, billi tiġi ppreżenta proposta leġiżlattiva f'dan il-qasam, kienet imtennija fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu ***"***Strateġija rinnovata tal-UE għall-2011-14 għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva***"***[10] adottata fil-25 ta' Ottubru 2011. | (2) Il-ħtieġa li titjieb id-divulgazzjoni ***tal-impriżi*** tal-informazzjoni ambjentali u soċjali, billi tiġi ppreżenta proposta leġiżlattiva f'dan il-qasam, kienet imtennija fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu *"*Strateġija rinnovata tal-UE għall-2011-14 għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva*"*[10] adottata fil-25 ta' Ottubru 2011. |
| [10] COM(2011) 681 finali ***tat-25*** ta' Ottubru 2011. | [10] COM(2011) 681 finali ***tal-25*** ta' Ottubru 2011. |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Minħabba n-natura dominanti tas-sistema finanzjarja fuq l-ekonomija u s-soċjetà, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom id-dmir ta' diliġenza u responsabbiltà speċjali fir-rigward tas-sistema finanzjarja u l-effett tagħha fuq is-soċjetà. Din ir-responsabbiltà speċjali hija analoga mar-responsabbiltà speċjali komportamentali ta' kumpanija dominanti, anke jekk tali dominanza*** |

| | |
|---|---|
| | ***mhijiex preżenti f'termini ta' analiżi tal-politika tal-kompetizzjoni. B'rikonoxximent ta' dan, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jipproduċu rapport dwar ir-'Responsabbiltà Speċjali', li jkun disponibbli għall-pubbliku, li jispeċifika l-proċeduri li jkollhom fis-seħħ biex jindirizzaw dawn il-kunsiderazzjonijiet.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Fir-rigward tal-attivitajiet ta' kumpaniji kbar, iżjed trasparenza hija essenzjali biex tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fil-kumpaniji. Dan b'mod partikolari fir-rigward tal-isem/ismijiet tal-istabbilimenti, in-natura tal-attivitajiet, il-lokalità ġeografiku, il-fatturat, l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full-time, il-profitti li saru, it-taxxi mħallsa fuq il-profitti u s-sussidji li rċevew. Rappurtar mandatorju f'dan il-qasam jista' għaldaqstant jitqies bħala element importanti fir-responsabbiltà korporattiva tal-kumpaniji fil-konfornt ral-investituri, il-partijiet interessati u s-soċjetà.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja fir-rigward ta' ***intrapriżi*** kbar b'responsabbiltà limitata hija ta' importanza għall-interessi ***tal-*** | (4) Il-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja fir-rigward ta' ***impriżi*** kbar b'responsabbiltà limitata hija ta' importanza għall-interessi ***tal-*** |

| | |
|---|---|
| ***kumpaniji***, azzjonisti u partijiet interessati oħra lkoll. Il-koordinazzjoni hija meħtieġa f'dawk l-oqsma peress li l-biċċa l-kbira ta' dawn ***l-intrapriżi*** joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed. | ***impriżi***, azzjonisti u partijiet interessati oħra lkoll. Il-koordinazzjoni hija meħtieġa f'dawk l-oqsma peress li l-biċċa l-kbira ta' dawn ***l-impriżi*** joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed. |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) L-evidenza qed turi li d-divulgazzjoni tal-informazzjoni mhux finanzjarja ttejjeb is-sistemi tal-ġestjoni tal-kumpaniji u l-politika interna, u għalhekk tnaqqas l-impatti negattivi soċjali, ambjentali u fuq id-drittijiet tal-bniedem ikkawżati mill-attivitajiet tagħhom. L-evidenza turi wkoll li l-kumpaniji li jwettqu analiżi u divulgazzjoni xierqa tal-informazzjoni mhux finanzjarja jżidu l-kompetittività tagħhom, igawdu mill-iffrankar tal-ispejjeż, aċċess iżjed faċli għall-kapital, prestazzjoni aħjar fis-swieq finanzjarji, itejbu l-istabbiltà tagħhom fis-suq u jnaqqsu l-possibbiltajiet ta' ħsara.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Huwa wkoll meħtieġ li jiġi stabbilit ċertu rekwiżit ġuridiku minimu fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku ***mill-intrapriżi*** madwar l-Unjoni. Ir-rapporti ***annwali*** għandhom jagħtu stampa ġusta u komprensiva tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji tal-impriża. | (5) Huwa wkoll meħtieġ li jiġi stabbilit ċertu rekwiżit ġuridiku minimu fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku ***u għal awtoritajiet oħra mill-impriżi*** madwar l-Unjoni. Ir-rapporti ***ta' ġestjoni*** għandhom jagħtu stampa ġusta u komprensiva tal-politiki, ir-riżultati, u r-riskji tal-impriża. |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, ***il-kumpaniji*** għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport annwali tagħhom dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata ***talanqas*** ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ***kwistjonijiet*** relatati ***mal-ħaddiema***, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u ***kwistjonijiet*** kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha ***tinkludi*** deskrizzjoni tal-politiki***, ir-riżultati, u r-riskji*** relatati ma' dawk il-kwistjonijiet. | (6) Sabiex jissaħħu l-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni mhux finanzjarja divulgata madwar l-Unjoni, ***l-impriżi*** għandhom ikunu obbligati jinkludu fir-rapport ***ta' ġestjoni u fir-rapporti*** annwali tagħhom ***kif meħtieġ,*** dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata ***tal-anqas*** ma' kwistjonijiet ambjentali, ***kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi,*** soċjali u ***relatati mal-impjiegi***, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u ***l-ġlieda*** kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Din id-dikjarazzjoni għandha ***tirreferi għall-ktajjen tal-provvista tal-kumpanija, is-sottokuntratturi u r-relazzjonijiet kummerċjali. Id-dikjarazzjoni għandha tinkludi*** deskrizzjoni tal-politiki ***u r-riżultati kif ukoll valutazzjoni tar-riskji attwali u potenzjali kollha*** relatati ma' dawk il-kwistjonijiet***, filwaqt li titqies il-katina tal-provvista kompleta tal-kumpaniji***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja għandha tkun ibbażata fuq diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskji mwettqa mill-kumpanija biex tidentifika, tipprekludi u timmitiga l-impatti negattivi attwali u potenzjali, in-natura u l-kuntest tal-operazzjonijiet u s-severità tar-riskji*** |

***tal-impatti negattivi kif xieraq, għad-daqs tal-kumpanija. Il-prinċipji tad-diliġenza dovuta ġew deskritti fil-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għal Impriżi Multinazzjonali u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" li l-Kummissjoni hija impenjata li ssegwih.***

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) Kwistjonijiet soċjali jinkludu mġiba responsabbli rigward l-ippjanar tat-taxxa biex ikun żgurat li sehem ġust tat-taxxa jitħallas fil-post it-tajjeb u li jiġi evitat l-evitar aggressiv tat-taxxa.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6c) Sabiex tiżdied it-trasparenza, il-Kummissjoni għandha tintroduċi rappurtar pajjiż b'pajjiż għal kumpaniji, gruppi u entitajiet ta' interess pubbliku kbar transfruntieri u fis-setturi kollha, billi tiżdied it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet tal-pagamenti – billi tinħtieġ divulgazzjoni ta' informazzjoni bħan-natura tal-attivitajiet tal-kumpanija u l-lokalità ġeografika tagħha, il-fatturat, in-numru ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full-time, il-profitt jew it-telf qabel it-taxxa, it-taxxa fuq il-profitt jew it-telf, u s-sussidji pubbliċi rċevuti fuq*** |

| | |
|---|---|
| | ***bażi ta' pajjiż b'pajjiż għall-kummerċjalizzazzjoni ta' grupp fis-sħuħija tiegħu – sabiex jiġi mmonitorjat ir-rispett għal regoli xierqa għall-ipprezzar ta' trasferiment.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6d) Kwalunkwe inċident ta' importanza, kemm fil-livell tal-kumpanija kif ukoll fil-livell tal-katina tal-provvista matul il-perjodu tar-rappurtar korrispondenti għandu jiġi ddivulgat kif xieraq u rrappurtat skont l-istandards verifikabbli nazzjonali u Ewropej.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6e) Referenzi għal sostenibbiltà eżistenti u l-qafas ta' rappurtar, kif ukoll l-emerġenza kontinwa ta' oqfsa ġodda, jistimulaw il-bidla lejn tkabbir sostenibbli tal-ekonomija globali. Biż-żieda globali tas-sostenibbiltà fil-politiki ta' rappurtar, l-allinjament u l-armonizzazzjoni tal-oqfsa jsiru sfida dejjem tikber biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' standards konfliġġenti, li jiżgwidaw u li jikkompetu. Dan għandu jiżgura possibbiltà għall-investituri u s-soċjetà bħala tali, li jivvalutaw u jqabblu l-informazzjoni mhux finanzjarja tal-kumpaniji, u li jevitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u b'hekk jiżdied l-għarfien tas-soċjetà dwar*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-kummerċ ġust u t-tkabbir sostenibbli.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Biex jipprovdu ***din l-informazzjoni, il-kumpaniji jistgħu jiddependu fuq oqfsa nazzjonali, oqfsa bbażati fl-UE bħall-Iskema ta' Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), u oqfsa*** internazzjonali ***bħall-Impatt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU),*** il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU ***"***Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja***," l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali***, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) 26000, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw ***l-intrapriżi*** multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar. | (7) Biex jipprovdu ***informazzjoni mhux finanzjarja dwar il-konformità tagħhom mad-drittijiet u l-valuri protetti min-normi tad-dritt*** internazzjonali ***l-kumpaniji għandhom japplikaw*** il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-NU *"*Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja*"* ***u l-Linji gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali, il-kumpaniji jistgħu jiddependu wkoll fuq oqfsa nazzjonali, oqfsa bbażati fl-UE bħall-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) u oqfsa internazzjonali oħrajn bħall-Global Compact tan-Nazzjonaijiet Uniti (NU)***, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) 26000, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji li jikkonċernaw ***l-impriżi*** multinazzjonali u l-politika soċjali, u l-Inizjattiva Globali ta' Rappurtar. ***Il-kumpaniji għandhom jispeċifikaw fuq liema oqfsa kienu qed jiddependu.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Meta jiddivulgaw informazzjoni mhux finanzjarja, l-impriżi għandhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiddikjaraw b'mod ċar liema oqfsa u/jew linji gwida ntużaw fil-kumpilazzjoni ta' din l-informazzjoni.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi adegwati u effettivi sabiex tiġi żgurata divulgazzjoni sħiħa, preċiża u kredibbli ta' informazzjoni mhux finanzjarja mill-kumpaniji, b'konformità ma' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-Paragrafu 47 tad-dikjarazzjoni finali tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti Rio +20, "Il-Futur li Rridu",[13] jirrikonoxxi l-importanza ta' rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u jinkorġġixxi ***lill-kumpaniji***, fejn xieraq, biex jikkunsidraw l-integrazzjoni ta' informazzjoni sostenibbli fiċ-ċiklu ta' rappurtar tagħhom. Jinkoraġġixxi wkoll lill-industrija, lill-gvernijiet interessati u lill-partijiet interessati rilevanti, bl-appoġġ tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, kif xieraq, biex jiżviluppaw mudelli tal-aħjar prattika u jiffaċilitaw l-azzjoni għall-integrazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja billi jitqiesu l-esperjenzi minn oqfsa diġà eżistenti. | (8) Il-Paragrafu 47 tad-dikjarazzjoni finali tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti Rio +20, "Il-Futur li Rridu",[13] jirrikonoxxi l-importanza ta' rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u jinkorġġixxi ***lill-impriżi***, fejn xieraq, biex jikkunsidraw l-integrazzjoni ta' informazzjoni sostenibbli fiċ-ċiklu ta' rappurtar tagħhom. Jinkoraġġixxi wkoll lill-industrija, lill-gvernijiet interessati u lill-partijiet interessati rilevanti, bl-appoġġ tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, kif xieraq, biex jiżviluppaw mudelli tal-aħjar prattika u jiffaċilitaw l-azzjoni għall-integrazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja billi jitqiesu l-esperjenzi minn oqfsa diġà eżistenti. |

| | |
|---|---|
| [13] Id-dokument tal-eżitu tan-Nazzjonijiet Uniti, "The Future WE want", tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Rio + 20, A/CONF.216/l.1 | [13] Id-dokument tal-eżitu tan-Nazzjonijiet Uniti, "The Future WE want", tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Rio + 20, A/CONF.216/l.1 |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Minbarra d-divulgazzjonijiet mhux finanzjarji mħeġġa fil-livell Ewropew, ġew innutati sforzi internazzjonali biex titjieb it-trasparenza fir-rappurtar finanzjarju. Għaddiet leġiżlazzjoni dwar ir-rappurtar pajjiż b'pajjiż għas-settur tal-estrazzjoni kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Uniti, filwaqt li fil-kuntest tal-G8 u l-G20, li jinkludi erba' Stati Membri tal-UE u jinvolvi l-Kummissjoni Ewropea, l-OECD ntalbet tfassal mudell tar-rappurtar standardizzat għall-kumpaniji multinazzjonali biex jirrappurtaw lill-awtoritajiet tat-taxxa fejn madwar id-dinja qed jagħmlu l-profitti tagħhom u fejn qed iħallsu t-taxxi. Dawn l-iżviluppi jikkomplementaw il-proposti li jinsabu f'din id-Direttiva, bħala miżuri xierqa għall-finijiet u l-livelli rispettivi tagħhom, kemm jekk huma nazzjonali, pan-Ewropej jew internazzjonali fir-rigward tal-kobor u r-riskju possibbli.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l- | (10) Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l- |

| | |
|---|---|
| 25 ta' Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment ***għall-intrapriżi*** ż-żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), fuq livell Ewropew u nazzjonali u ssuġġerixxa miżuri biex tiżdied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont id-Direttiva ***78/660/KEE u d-Direttiva 83/349/KEE*** għandhom japplikaw biss għal ċerti ***intrapriżi*** kbar ***u gruppi***. | 25 ta' Marzu 2011 talab li jitnaqqas il-piż regolatorju kumplessiv, partikolarment ***għall-impriżi*** ż-żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), fuq livell Ewropew u nazzjonali u ssuġġerixxa miżuri biex tiżdied il-produttività filwaqt li l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs u li tippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Għalhekk, skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont id-Direttiva ***2013/34/UE*** għandhom japplikaw biss għal ċerti ***impriżi u gruppi*** kbar. |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza ***għall-medja tal-għadd ta' impjegati, tal-assi totali u tal-fatturat***. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk ***il-kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom jaqbeż il-500, u*** li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun. | (11) L-ambitu ta' dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux finanzjarji għandu jkun definit b'referenza ***għall-fatturat tal-kumpanija***. L-SMEs għandhom ikunu eżentati minn rekwiżiti addizzjonali, u l-obbligu li jiddivulgaw dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport annwali għandu japplika biss għal dawk ***l-impriżi*** li jaqbżu jew total ta' EUR 20 miljun fil-karta tal-bilanċ jew b'fatturat nett ta' EUR 40 miljun. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(11a) Il-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 talab l-introduzzjoni mandatorja tar-rappurtar pajjiż b'pajjiż għall-kumpaniji u l-gruppi kbar kollha bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva 2013/34/UE. Għalhekk, biex tiżdied it-trasparenza tal-pagamenti magħmula lill-gvernijiet, l-impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jiddivulgaw pagamenti materjali magħmula lill-gvernijiet fil-pajjiżi fejn joperaw. Tali divulgazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati, meta possibbli, bħala anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tal-impriża kkonċernata.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(11b) Biex jimmitigaw l-ippjanar aggressiv u l-evitar tat-taxxa mill-impriżi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jintroduċu regoli ġenerali kontra l-evitar tat-taxxa (GAAR) b'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa tat-12 ta' Diċembru 2012 u r-Rapport ta' Progress tal-OECD lill-G20 tal-5 ta' Settembru 2013. Barra minn hekk, l-impriżi kbar fl-Unjoni għandhom ukoll jagħmlu disponibbli għall-pubbliku rapport dwar is-sistemi tagħhom ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, inkluża informazzjoni relevanti oħra.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Xi ***kumpaniji*** u gruppi li jaqgħu taħt l-ambitu tad-Direttiva ***78/660/KEE u d-Direttiva 83/349/KEE*** diġà qed iħejju rapporti mhux finanzjarji fuq bażi volontarja. Dawk ***il-kumpaniji*** m'għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligu li jipprovdu dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport ***annwali***, bil-kondizzjoni li r-rapport jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja, ikopri mill-inqas l-istess kontenut meħtieġ minn din id-Direttiva, u huwa anness mar-rapport ***annwali***. | (12) Xi ***impriżi*** u gruppi li jaqgħu taħt l-ambitu tad-Direttiva ***2013/34/UE*** diġà qed iħejju rapporti mhux finanzjarji fuq bażi volontarja. Dawk ***l-impriżi*** m'għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligu li jipprovdu dikjarazzjoni mhux finanzjarja fir-rapport ***ta' ġestjoni***, bil-kondizzjoni li r-rapport jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja, ikopri mill-inqas l-istess kontenut meħtieġ minn din id-Direttiva, u huwa anness mar-rapport ***ta' ġestjoni***. |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Kif rikjest mill-Artikolu ***51a(e) tad-Direttiva 78/660/KEE, ir-rapport tal-awdituri statutorji*** għandu jkun fih ukoll opinjoni ***li tikkonċerna l-konsistenza jew xort'oħra tar-rapport annwali***, inkluża informazzjoni mhux finanzjarja li tinsab ***fir-rapport annwali, mal-kontijiet annwali għall-istess sena finanzjarja***. | (14) Kif rikjest mill-Artikolu ***28 tad-Direttiva 2006/43/KE, ir-rapport tal-awditjar*** għandu jkun fih ukoll opinjoni ***u dikjarazzjoni rigward ir-rapport ta' ġestjoni***, inkluża ***kwalunkwe*** informazzjoni mhux finanzjarja li tinsab ***fih***. |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (15) Id-diversità tal-kompetenzi u l-fehmiet tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' ***kumpaniji*** tiffaċilita fehim tajjeb tal-organizzazzjoni u l-kwistjonijiet tan-negozju. Tippermetti lil membri ta' dawn il-korpi biex jeżeċitaw sfida kostruttiva tad-deċiżjonijiet tal-maniġment u biex ikunu aktar miftuħa għal ideat innovattivi, li jindirizzaw is-similarità tal-fehmiet tal-membri, il-fenomenu "raġunar gregarju". Tikkontribwixxi għalhekk għas-sorveljanza effettiva tal-immaniġġjar u l-governanza b'suċċess ***tal-kumpanija***. Għalhekk, ikun importanti li tittejjeb it-trasparenza rigward il-politika tad-diversità li ***l-kumpaniji*** għandhom fis-seħħ. Din għandha tinforma lis-suq dwar prattiki ta' governanza korporattiva u għalhekk tpoġġi pressjoni indiretta fuq ***il-kumpaniji*** biex ikollhom bordijiet aktar diversifikati. | (15) Id-diversità tal-kompetenzi u l-fehmiet tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' ***impriżi, inkluża d-diversità tal-ġeneri,*** tiffaċilita fehim tajjeb tal-organizzazzjoni u l-kwistjonijiet tan-negozju. ***Ġie rikonoxxut li d-diversità tal-ġeneri, speċjalment fil-pożizzjonijiet tal-ogħla livell, tikkontribwixxi għal governanza korporattiva, kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-prestazzjoni tal-kumpanija. Barra minn hekk, id-diversità tal-bord tirrappreżenta benefiċċju għall-kumpaniji peress li l-kompożizzjoni tal-bord tirrifletti l-karatteristiċi demografiċi tal-gruppi prinċipali tal-partijiet ikkonċernati bħall-impjegati, il-konsumaturi u l-investituri. Barra minn hekk,*** tippermetti lil membri ta' dawn il-korpi biex jeżerċitaw sfida kostruttiva tad-deċiżjonijiet tal-maniġment u biex ikunu aktar miftuħa għal ideat innovattivi, li jindirizzaw is-similarità tal-fehmiet tal-membri, il-fenomenu "raġunar gregarju". Tikkontribwixxi għalhekk għas-sorveljanza effettiva tal-immaniġġjar u l-governanza b'suċċess ***tal-impriżi***. Għalhekk, ikun importanti li tittejjeb it-trasparenza rigward il-politika tad-diversità li ***l-impriżi*** għandhom fis-seħħ. Din għandha tinforma lis-suq dwar prattiki ta' governanza korporattiva u għalhekk tpoġġi pressjoni indiretta fuq ***l-impriżi*** biex ikollhom bordijiet aktar diversifikati. |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Il-katina tal-provvista ta' impriża tista' ma tibqax konnessa mas-sors u r-responsabbiltà u għalhekk jista' jkollha riskji sinifikanti mhux biss għall-impriżi*** |

| | |
|---|---|
| | ***stess iżda anke għas-soċjetà inġenerali b'riżultat tal-operazzjonijiet kummerċjali. Huwa għalhekk importanti li l-impriżi jwettqu diliġenza dovuta fuq il-katini tal-provvista tagħhom, anke meta jużaw sottokuntratturi, u li dawn il-politiki partikolari jiġu divulgati sabiex tali riskji jiġu mitigati u l-partijiet interessati jiġu infurmati dwar il-valutazzjonijiet li wettqu.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) L-obbligu ta’ divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward ta’ aspetti bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali għandhom japplikaw biss għal ***kumpaniji*** elenkati kbar. ***Għalhekk kumpaniji żgħar u ta’ daqs medju li jistgħu jiġu eżentati minn ċerti obbligi tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 78/660/KEE ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-obbligu.*** Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat fl-Artikolu ***46a*** tad-Direttiva ***78/660/KEE***. ***Kumpaniji li ma għandhomx tali politika dwar id-diversità, ma għandhomx ikunu obbligati li jdaħħlu waħda fis-seħħ, iżda għandhom jispjegaw b’mod ċar għalfejn dan hu l-każ.*** | (16) L-obbligu ta’ divulgazzjoni tal-politiki tagħhom dwar id-diversità għal korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħhom fir-rigward ta’ aspetti bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, ***il-lingwa, id-diżabbiltà,*** l-isfond edukattiv u professjonali għandhom japplikaw biss għal ***impriżi*** elenkati kbar. Id-divulgazzjoni tal-politika dwar id-diversità għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva, kif stipulat fl-Artikolu ***20*** tad-Direttiva ***2013/34/UE***. |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(16a) Sabiex titjieb iżjed it-trasparenza, u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013, ir-reviżjoni tad-Direttiva 2013/34/UE għandha tinkludi wkoll estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar pajjiż b'pajjiż sabiex japplikaw għall-impriżi u l-gruppi kbar kollha u l-entitajiet kollha ta' interess pubbliku.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (17) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li żżid ir-rilevanza, il-konsistenza u l-komparabbiltà ta' informazzjoni divulgata minn ***kumpaniji*** fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jista' għaldaqstant minħabba l-impatt tiegħu jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv. | (17) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li żżid ir-rilevanza, il-konsistenza***, it-trasparenza*** u l-komparabbiltà ta' informazzjoni divulgata minn ***impriżi*** fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jista' għaldaqstant minħabba l-impatt tiegħu jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv. |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet | (18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet |

| | |
|---|---|
| fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***inkluż*** il-libertà li wieħed ikollu negozju, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji. | fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***inklużi n-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel,*** il-libertà li wieħed ikollu negozju, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji. |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jekk il-katina tal-provvista ta' impriża kbira f'pajjiżi terzi ma tibqax konnessa mas-sors u -responsabbiltà, jistgħu jirriżultaw riskji sinifikanti mhux biss għall-impriża stess, iżda anke għas-soċjetà inġenerali fil-pajjiżi terzi, partikolarment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fl-ekonomiji emerġenti, b'riżultat tal-operazzjonijiet kummerċjali tagħha. Għalhekk, huwa importanti li l-impriżi kbar jwettqu d-diliġenza dovuta fuq il-ktajjen tal-provvista tagħhom, b'mod partikolari meta jużaw sottokuntratturi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'ekonomiji emerġenti. Il-politiki partikolari għandhom jiġu ddivulgati sabiex jitnaqqsu dawn ir-riskji, u l-partijiet interessati għandhom jiġu infurmati dwar il-valutazzjonijiet imwettqa.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) ***Id-Direttivi 78/660/KEE u 83/349/KEE għandhom*** għalhekk ***jiġu emendati*** kif meħtieġ, | (19) ***Id-Direttiva 2013/34/UE għandha*** għalhekk ***tiġi emendata*** kif meħtieġ, |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Emendi ***lid-Direttiva 78/660/KEE*** | Emendi ***għad-Direttiva 2013/34/UE*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-Direttiva ***78/660/KEE*** hija emendata kif ġej: | Id-Direttiva ***2013/34/UE*** hija emendata kif ġej: |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(1) L-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:***<br>***(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***<br>***'1. (a) Ir-rapport annwali għandu jinkludi analiżi ġusta tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u tal-pożizzjoni tagħha, kif ukoll deskrizzjoni tar-riskji prinċipali u l-inċertezzi li taffaċċja.***<br>***L-analiżi għandha tkun analiżi bbilanċjata u komprensiva tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju tal-kumpanija u*** | ***imħassar*** |

***l-pożizzjoni tagħha, bi proporzjon mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju;***

***(b) Għal kumpaniji li l-għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-500 u, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:***

***(i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;***

***(ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;***

***(iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.***

***Meta kumpanija ma ssegwix politiki fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet, għandha tipprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.***

***Meta tipprovdi informazzjoni bħal din il-kumpanija, tista' sserraħ fuq oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u, jekk tagħmel hekk għandha tispeċifika fuq liema oqfsa mxiet.***

***(c) Rigward il-limitu meħtieġ għall-fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija, l-analiżi għandha tinkludi kemm l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji relevanti għal dak in-negozju partikolari.***

***(d) Meta tipprovdi l-analiżi tagħha, ir-rapport annwali għandu, fejn xieraq, jinkludi referenzi għal spjegazzjonijiet u spjegazzjonijiet addizzjonali tal-ammonti rapportati fil-kontijiet annwali.***

***(b) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***'4. Meta kumpanija tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(b), għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(b), sakemm dan ir-rapport ikun parti mir-rapport annwali.'***

***(c) Jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:***

***'5. Kumpanija li hija kumpanija sussidjarja għandha tiġi eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1(b), jekk il-kumpanija u s-sussidjarji tagħha huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji u rapport annwali ta' kumpanija oħra u dak ir-rapport annwali konsolidat jitfassal skont l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 83/349/KEE.'***

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(2) L-Artikolu 46a huwa emendat kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) Fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt(g) li ġej:*** | |
| ***'(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, is-sess, id-diversità ġeografika, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk il-kumpanija ma għandhiex tali politika,*** | |

***id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ. '***

***(b) Jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:***

***'4. Il-punt (g) tal-paragrafu 1 ma japplikax għal kumpaniji skont it-tifsira tal-Artikolu 27. '***

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(3) L-Artikolu 53a huwa sostitwit b'dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"Artikolu 53a*** | |
| ***L-Istati Membri ma għandhomx jagħmlu disponibbli l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1a, 11, l-Artikolu 27, il-punti (7a) u (7b) tal-Artikolu 43(1), l-Artikolu 46(3), l-Artikolu 47 u l-Artikolu 51 ta' din id-Direttiva fil-każ ta' kumpaniji li t-titoli tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat skont is-sens tal-punt (14) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE."*** | |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3a (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 2 – punt 16a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***"(16a) "Rapport pajjiż b'pajjiż" tfisser l-informazzjoni finanzjarja li ġejja, li trid*** |

***tingħata minn impriża kif definit fl-Artikolu 2, paragrafu 1(a), (b) u (c) u l-Artikolu 3(4) għal kull Stat Membru u pajjiż terz li topera fih:***

***(a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-lokalità ġeografika;***

***(b) il-fatturat;***

***(c) l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full-time;***

***(d) il-profitt jew it-telf qabel it-taxxa;***

***(e) it-taxxa fuq il-profitt jew it-telf;***

***(f) is-sussidji pubbliċi rċevuti."***

**Emenda 40**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3b (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Fl-Artikolu 18, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'2a. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku kollha jiddivulgaw annwalment b'mod pubbliku rapport pajjiż b'pajjiż fuq bażi kkonsolidata għas-sena finanzjarja.*** |
| | ***Dawn l-obbligi m'għandhom japplikaw għal ebda impriża rregolata mid-dritt ta' Stat Membru li tkun sussidjarja jew impriża prinċipali, fejn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:*** |
| | ***(a) l-impriża prinċipali tkun soġġetta għal-liġijiet ta' Stat Membru; u*** |
| | ***(b) ir-rapport pajjiż b'pajjiż li jsir mill-impriża jkun inkluż fir-rapport konsolidat dwar il-pagamenti lill-gvernijiet imħejji minn dik l-impriża prinċipali skont l-Artikolu 39.*** |

| | |
|---|---|
| | ***L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi awditjata skont id-Direttiva 2006/43/KE u għandha tiġi ppubblikata, fejn possibbli, bħala anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew, fejn applikabbli, għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-kumpanija kkonċernata.'*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3c – punt a (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3c) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) Fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***'Sal-punt meħtieġ biex wieħed jifhem l-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-impriża, l-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi kemm indikaturi finanzjarji ewlenin tal-prestazzjoni kif ukoll dawk mhux finanzjarji rilevanti għan-negozju partikolari. Meta jipprovdi l-analiżi msemmija fil-paragrafu 1, ir-rapport ta' ġestjoni, fejn adatt, għandu jinkludi referenzi għal, u spjegazzjonijiet ulterjuri dwar, l-ammonti rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali.'*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3c – punt b (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(b) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'1a. Għal impriżi li l-għadd medju ta' impjegati tagħhom matul is-sena finanzjarja jaqbeż il-250 u li, fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tintegra wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja rigward l-attività tal-kumpaniji u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà, relatata tal-anqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tal-ġeneru u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. L-analiżi għandha tagħmel referenza wkoll għall-ktajjen tal-provvista kompleti tal-kumpaniji, is-sottokuntratturi u r-relazzjonijiet kummerċjali, inklużi:*** |
| | ***(a) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-impriża fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;*** |
| | ***(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;*** |
| | ***(c) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji;*** |
| | ***(d) deskrizzjoni tal-politika tad-diliġenza dovuta tal-kumpanija għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward tal-ktajjen tal-provvista u s-sottokuntratturi tagħha tal-anqas fl-oqsma relatati ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi wkoll l-objettivi ta' din il-politika tad-diliġenza dovuta, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu ta' rappurtar.'*** |
| | ***Meta tipprovdi informazzjoni bħal din, l-impriża għandha toqgħod fuq oqfsa*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali bħall-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem li jimplimentaw il-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja" u l-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għal Impriżi Multinazzjonali.'*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3c – punt c (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(c) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***'4. Meta impriża tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja li jiddependi fuq oqfsa nazzjonali, internazzjonali jew ibbażati fl-UE u li jkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1(a), l-impriża għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stipulata fil-paragrafu 1(a), sakemm dan ir-rapport komprensiv ikun parti mir-rapport ta' ġestjoni.'*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3c – punt d (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(d) Jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'4a. Impriża li hija impriża sussidjarja għandha tkun eżentata mill-obbligi*** |

| | |
|---|---|
| | ***stipulati fil-paragrafu 1a jekk l-impriża u l-impriżi sussidjarji tagħha jkunu inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ta' impriża oħra u li r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat huwa mfassal bi qbil mal-Artikolu 29.'*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3d –punt a (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3d) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) Fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***'(fa) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità tal-impriża għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward ta' aspetti bħalma huma l-età, il-ġeneru, id-diversità ġeografika, id-diżabbiltà, l-isfond edukattiv u professjonali, l-għanijiet ta' din il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rappurtar. Jekk l-impriża ma jkollhiex tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni ċara u mmotivata dwar għalfejn dan hu l-każ.'*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3d – punt b (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'1a. L-impriżi msemmija fil-punti (1)(b)*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***u (c) u (14)(a) u (b) tal-Artikolu 2 għandhom jipproduċu, u jagħmlu pubbliku, Rapport ta' Responsabbiltà Speċjali li għandu jinkludi:*** |
| | ***(a) proċeduri li jqisu r-responsabbiltà speċjali tagħhom inkluż ir-rikonoxximent tagħhom fit-taħriġ, l-evalwazzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' twissija tal-persunal;*** |
| | ***(b) sistemi ta' arbitraġġ regolatorju u proċeduri ta' kummerċ regolatorju użati sabiex jitnaqqas il-kapital jew rekwiżiti prudenzjali oħrajn;*** |
| | ***Fejn jinstabu kunflitti bejn l-istabbiltà ta' istituzzjoni u s-sistema finanzjarja, dawn għandhom jiġu rrappurtati lill-awtorità kompetenti.'*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3d – punt c (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(c) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***'3. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar għandhom jesprimu opinjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(1) rigward l-informazzjoni ppreparata taħt il-punti (c), (ca) u (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (e), (f) u (g) tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu tkunx ingħatat.'*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3d –punt d (ġdid)**

Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'4a. Minkejja l-Artikolu 40, il-punt (g) tal-paragrafu 1 m'għandux japplika għal impriżi żgħar u medji.'*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3d – punt e (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 4b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(e) Jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'4b. Biex ipattu għall-prattiki tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-Istati Membri għandhom jadottaw regola ġenerali kontra l-abbużi (GAAR), kif definita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa tat-12 ta' Diċembru 2012, billi jinjoraw l-arranġamenti artifiċjali kollha jew serje ta' arranġamenti artifiċjali li jitħaddmu għall-għan essenzjali li tiġi evitata t-taxxa u huma adattati għal sitwazzjonijiet domestiċi u transkonfinali marbuta mal-Unjoni u sitwazzjoni li tinvolvi pajjiżi terzi.'*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3e – punt a (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3e) L-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'(3a) L-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata ma' kwistjonijiet li huma materjali għal fehim tal-iżvilupp, il-prestazzjoni jew il-pożizzjoni tal-kumpanija. Din għandha tkopri kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:*** |
| | ***(a) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-grupp fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;*** |
| | ***(b) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;*** |
| | ***(c) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-grupp jimmaniġġja dawk ir-riskji;*** |
| | ***(d) deskrizzjoni tal-politika tad-diliġenza dovuta tal-grupp għall-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tagħha fir-rigward tal-ktajjen tal-provvista u s-sottokuntratturi tagħha tal-anqas fl-oqsma relatati ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi wkoll l-objettivi ta' din il-politika tad-diliġenza dovuta, kif ġiet implimentata, u r-riżultati fil-perjodu ta' rappurtar.*** |
| | ***Meta l-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jirrappurtawx dwar kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, il-kumpanija għandha tipprovdi spjegazzjoni għaliex ma għamlitx dan.*** |
| | ***Meta jipprovdi din l-informazzjoni, ir-rapport annwali kkonsolidat jista' juża*** |

***oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika fuq liema oqfsa mexa.***

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3e – punt b (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29 – paragrafu 3b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'3b. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta impriża prinċipali tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi mal-istess sena finanzjarja, u jirreferi għall-grupp kollu, billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u tkopri l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1a, l-impriża prinċipali għandha tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stabbilita fil-paragrafu 1a, sakemm ir-rapport komprensiv ikun parti minn rapport ta' ġestjoni kkonsolidat.'*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3e – punt c (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29 – paragrafu 3c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***'3c. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, impriża prinċipali li hija wkoll impriża sussidjarja għandha tkun eżentata mill-obbligi stipulati fil-paragrafu 1a jekk l-impriża eżentata, u s-sussidjarji tagħha, ikunu inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u*** |

| | |
|---|---|
| | ***r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ta' impriża oħra u li r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ikun imfassal bi qbil ma' dan l-Artikolu.'*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3f (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 41 – punt 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3f) Fl-Artikolu 41, jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***'(5a) "Rapport pajjiż b'pajjiż" tfisser l-informazzjoni finanzjarja li ġejja, li trid tingħata minn impriża kif definit fl-Artikolu 2, paragrafu 1(a), (b) u (c) u l-Artikolu 3, paragrafu 4 għal kull Stat Membru u pajjiż terz li topera fih:*** |
| | ***(a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-lokalità ġeografika;*** |
| | ***(b) il-fatturat;*** |
| | ***(c) l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full-time;*** |
| | ***(d) il-profitt jew it-telf qabel it-taxxa;*** |
| | ***(e) it-taxxa fuq il-profitt jew it-telf;*** |
| | ***(f) is-sussidji pubbliċi rċevuti.'*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3g (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 42 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3g) Fl-Artikolu 42, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |

| | |
|---|---|
| | ***'1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li impriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku kollha jħejju u jippubblikaw rapport dwar il-pagamenti li jsiru lill-gvernijiet fuq bażi annwali.'*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3h (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 44 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3h) Fl-Artikolu 44, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***'1. Stat Membru għandu jesiġi li kwalunkwe impriża kbira jew entità ta' interess pubbliku rregolata bil-liġi nazzjonali tiegħu tħejji rapport ikkonsolidat dwar pagamenti lill-gvernijiet skont l-Artikoli 42 u 43 jekk dik l-impriża prinċipali tkun obbligata li tħejji dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati kif stipulat fl-Artikolu 22(1) sa (6).'*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3i (ġdid)**
Direttiva 2013/34/KE
Artikolu 49 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3i) L-Artikolu 49 jinbidel b'li ġej:*** |
| | ***"Article 49*** |
| | ***Eżerċizzju tad-delega*** |
| | ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-*** |

***Artikolu.***

***2. Is-setgħa ta' adozzjoni msemmija fl-Artikolu 46(ca) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin minn ….(4)*. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' erba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

***3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 46(ca) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.***

***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 46(ca) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3j**
Direttiva 2013/34/KE
Artikolu 53 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3j) Fl-Artikolu 53, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu implimentati l-proċeduri nazzjonali effettivi biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi ta' din id-Direttiva. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni u l-entitajiet ġuridiċi li għandhom interess leġittimu fl-iżgurar ta' divulgazzjoni sħiħa u preċiża tal-informazzjoni mhux finanzjarja."*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 2*** | ***imħassar*** |
| ***Emendi lid-Direttiva 83/349/KEE*** | |
| ***Id-Direttiva 83/349/KEE għandha tiġi emendata kif ġej:*** | |
| ***(1) L-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:*** | |
| ***(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** | |
| ***'1. Ir-rapport annwali konsolidat għandu jinkludi tal-anqas analiżi ġusta tal-iżvilupp u l-prestazzjoni tan-negozju u tal-pożizzjoni tal-intrapriżi inkluża fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, flimkien mad-deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi prinċipali li jaffaċċjaw.*** | |
| ***L-eżami janalizza b'mod bilanċjat l-*** | |

***iżvilupp u l-prestazzjoni tal-kummerċ u tal-pożizzjoni tal-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, konsistenti mad-daqs u l-kumplessità tan-negozju.***

***Għal kumpaniji ewlenin ta' intrapriżi li għandhom jiġu kkonsolidati li flimkien jaqbżu għadd medju ta' 500 impjegat matul is-sena finanzjarja, u fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom, jaqbżu jew it-total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun jew il-fatturat nett ta' EUR 40 miljun, l-analiżi għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni mhux finanzjarja li jkun fiha informazzjoni relatata talanqas ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim, inklużi:***

***– (i) deskrizzjoni tal-politika segwita mill-kumpanija fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet;***

***– (ii) ir-riżultati ta' dawn il-politiki;***

***– (iii) ir-riskji relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u kif il-kumpanija timmaniġġja dawk ir-riskji.***

***Fejn l-intrapriżi inklużi fil-konsolidazzjoni meqjusa kollha kemm hi, ma jsegwux politiki fir-rigward ta' kwistjoni waħda jew aktar minn dawn, il-kumpanija għandha tipprovdi spjegazzjoni għaliex ma tagħmilx dan.***

***Meta jipprovdi din l-informazzjoni, ir-rapport annwali kkonsolidat jista' juża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali, u jekk jagħmel hekk, għandu jispeċifika fuq liema oqfsa mexa.***

***Sa fejn huwa neċessarju sabiex wieħed jifhem dan l-iżvilupp, prestazzjoni jew pożizzjoni, l-analiżi għandha tinkludi l-indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni finanzjarji u dawk mhux finanzjarji relevanti għan-negozju partikolari.***

***Billi jipprovdi l-analiżi tiegħu, ir-rapport***

***annwali kkonsolidat għandu, fejn xieraq, jipprovdi referenzi għal spjegazzjonijiet u spjegazzjonijiet addizzjonali ta' ammonti rappurtati fil-kontijiet ikkonsolidati. '***

***(b) Il-paragrafi 4 u 5 li ġejjin huma miżjuda:***

***'4. Meta impriża prinċipali tħejji rapport komprensiv li jikkorrispondi għall-istess sena finanzjarja, li jirreferi għall-grupp kollu tal-intrapriżi kkonsolidati, billi tuża oqfsa nazzjonali, ibbażati fl-UE jew internazzjonali u tkopri l-informazzjoni prevista fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, l-intrapriża prinċipali tkun eżentata mill-obbligu li tħejji d-dikjarazzjoni mhux finanzjarja stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, sakemm tali rapport komprensiv huwa parti minn rapport annwali kkonsolidat.***

***5. Intrapriża prinċipali li hija wkoll intrapriża sussidjarja tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, jekk l-impriża eżentata u s-sussidjarji tagħha huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji u r-rapport annwali ta' intrapriża oħra, u dak ir-rapport annwali konsolidat jitfassal skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1. '***

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw mezzi effettivi sabiex jimmonitorjaw u jinfurzaw divulgazzjoni sħiħa u eżatta tal-informazzjoni mhux finanzjarja mill-kumpaniji f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dħul fis-seħħ | Dħul fis-seħħ ***u konsolidazzjoni*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | Din id-Direttiva ***għandha*** tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Għandha tiġi kkonsolidata mad-Direttivi li temenda fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ tagħha.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-verżjonijiet ikkonsolidati tad-direttivi emendati għandhom ikunu disponibbli u ppubblikati mill-aktar fis.*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Id-divulgazzjoni ta’ informazzjoni mhux finanzjarja u d-diversità minn ċerti kumpaniji u gruppi kbar |
| **Referenzi** | COM(2013)0207 – C7-0103/2013 – 2013/0110(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>21.5.2013 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>21.5.2013 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Sharon Bowles<br>21.5.2013 |
| **Eżami fil-kumitat** | 17.10.2013 25.11.2013 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.12.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 19<br>–: 7<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Burkhard Balz, Jean-Paul Besset, Sharon Bowles, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Syed Kamall, Othmar Karas, Wolf Klinz, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Ivana Maletić, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Marlene Mizzi, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Biljana Borzan, Evelyne Gebhardt |